**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 125/98</u>***

***Pulizija***
***Sp. Norbert Ciappara***
***v***
***Wael Dwah Mahmoud***

Illum 5 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali** tad-droga **<u>eroina</u>**, **Traffikar** tal-istess droga, u **Assocjazzjoni ghal skop ta' Traffikar**, fis-17 ta' Mejju 1998 u dawn l-ahhar tlett gimghat; kif ukoll talli huwa recidiv.

Illi fi stadju avvanzat tal-proceduri, l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, kif ukoll tal-fatt li l-imputat huwa dipendenti fuq id-droga;

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/39, l-Artikoli 49 u 50 Kap.9 u l-Artikolu 22(1)(f) u 2(2)(b)(I) tal-Kap.101 u tikkundannah ghal ***piena ta' disa xhur prigunerija*** – mill-liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat dam mizmum that arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz – u ***multa ta' hames mitt lira maltin***

***(LM500)*** pagabbli f' rati mensili ta' mhux anqas minn Lm25 bid-dekadenza mill-beneficju tat-terminu fil-kaz li l-imputat jonqos milli jhallas pagament wiehed.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***